20.1.2016

B8-0043/2016 }
B8-0051/2016 }
B8-0058/2016 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Sabine Lösing, Neoklis Sylikiotis, Javier Couso Permuy, Rina Ronja Kari, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Fabio De Masi**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Klawsola ta' difiża reċiproka (l-Artikolu 42(7) tat-TUE)**
PPE, S&D, ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Ifakkar li l-klawsola ta' difiża reċiproka ġiet invokata għall-ewwel darba; iqis li l-każ preżenti għandu jservi bħala katalist għal diskussjonijiet politiċi aktar fil-fond dwar in-natura multidimensjonali tas-sigurtà u tad-difiża Ewropej;*** | 3. ***Jiċħad l-attivazzjoni tal-Artikolu 42(7) tat-TUE u jiddenunzja l-fatt li pass bħal dan ikun qed jikkonverti l-Unjoni Ewropea f'alleanza militari; iwissi li dan m'għandux jistabbilixxi preċedent għal każijiet futuri; jenfasizza li l-operazzjonijiet militari qatt ma rażżnu jew waqqfu t-terroriżmu, iżda, għall-kuntrarju, ikkawżaw aktar vittmi u distrazzjonijiet, u komplew għarrqu s-sitwazzjoni tal-popli milquta; jesiġi l-waqfien tal-hekk imsejħa "gwerra kontra t-terroriżmu" u jinsisti li l-attivitajiet terroristiċi jiġu trattati fi ħdan l-istat tad-dritt permezz tal-investigazzjoni tal-pulizija u l-infurzar; jappella għall-konformità stretta mad-dritt internazzjonali, sabiex ma jsir ebda intervent militari u għas-soluzzjoni paċifika tal-kunflitti***; |

Or. en